# IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU, 1956.


# GHELUQ IS-SENA

*F'GHELUQ is-sena 1956 ħallejna warajna kwadru ta' ġrajjiet li fihom rajna fost ħwejjeġ oħra gheġubijiet ta' progress taxxjenza li bihom il-bniedem inqeda sew għall-ġid ekonomiku tal-ħajja kemm ukoll għal skopijiet ta' tehdid ta' qirda fil-ġlieda pòlitika ta' nazzjon kontra oħra; iżda l-iktar ħaġa li qiegħda żżejjen dal-kwadru hija l-qawma għall-emanċipazzjoni ta' nazzjonijiet taħt il-madmad tal-Komuniżmu mħeġġa mill-ispirtu ta' nies qalbiena li għall-helsien ta' arthom mili-ħaqar ta' setgħa stranġiera xerrdu demmhom u demm uliedhom u ħallew ħajjithom fuq l-artal ta' l-Indipendenza.*

*M'hemmx progress nazzjonali fejn m'hemmx libertà. L-istess letteratura ma setghet qatt timxi 'l quddiem taħt il-ħakma dittatorjali tan-Nażismu li kienet (u l-lum ukoll tal-Komuniżmu) tagħlaq b'sarima l-ħalq tal-kittieba u torbothom minn idejhom bil-katina ta' l-assolutiżmu tagħha.*

*Bħalma fissret l-istampa diplomatika ewropea 'l hawn u 'l hinn is-sena ġdida jkollha tibda paġna ġdida fl-istorja tal-politika internazzjonali. Il-futur tal-Mediterran u ta' l-artijiet tal-Lvant tan-Nofs sa jkun iktarx f'idejn id-diplomazija ta' l-Istati Magħqudin fil-waqt ukoll illi l-U.N.O. jkollha jew twettaq il-ħsieb tagħha b'eżerċitu internazzjonali jew tisfa' fix-xejn bħala qawwa politika.*

*F'din is-sena l-ġdida, pajjiżna iktarx ikollu jaqtagħha x'sa jkun il-futur tiegħu. Aħna, fiċ-ċokon tagħna, ta' żvilupp materjali u spiritwali, kellna t-tweghir fl-idejiet tal-pajjiż, kellna iżda xi jpatti ħafna għan-nuqqas fil-ħajja ekonomika tagħna fejn dik ta' pajjiżi oħra—kellna ħafna vantaġġi materjali u morali li pajjiżi oħra ma kellhomx, fosthom ir-rikostruzzjoni tal-ħsarat li ħallitilna l-gwerra, il-mezzi biex wieħed itaffi l-għaks fost in-nies fqar u xjuħ taħt sistema leġislativa ta' ri-organizzazzjoni soċjali, u t-tgawdija ta' dawk il-mezzi li skond il-progress taċ-ċiviltà jżejnu l-ħajja ekonomika u jtaffu t-tbatijiet tal-bniedem fix-xogħol tas-snajja', ta' l-industrija, tal-kummerċ u fil-bżonnijiet tad-djar, fost dawn il-vantaġġi ta' min isemmi l-iżvilupp fil-qasam tat-tagħlim popolari li għalih intefqu flejjes kbar biex dan it-tagħlim*

*jikber u jseħħ, nefqa li swiet iżjed minn dik li s'issa saret fi ħwejjeġ oħra mitlubin mill-eżiġenzi taż-żminijiet tal-lum.*

* * *

*Mal-progress fit-tagħlim popolari f'kull fergħa teknika u letterarja, kif ukoll f'kull tagħlim iehor u informazzjonijiet istruttivi bit-trasmissjonijiet minn fuq ir-"Rediffusion", f'kull konferenza popolari, u rappreżentazzjonijiet artistiċi, hemm dak talprogress tal-Malti, bħala lsien popolari, li għandu rabta kbira ma' dak tat-tagħlim fl-iskejjel taħt il-metodu tar-riforma fil-kitba Maltija fuq is-sistema tal-"Għaqda". Aktar ma nikkultivaw il-Malti, kif qed nitgħallmuh il-lum fl-iskejjel primarji u sekondarji u fl-Università, aktar ma jinkitbu kotba u rivisti, li jittrattaw fuq materji edukativi, tekniċi, letterarji u saħansitra artistiċi, aktar għandna nsibu illi l-moħħ tal-ġenerazzjoni l-ġdida jibda jinteressa ruħu fit-tagħlim li jinħtieġlu.*

*Il-Għaqda, għalhekk, għandha għalfejn tifraħ biha nnifisha għal din ir-rebħa l-kbira li ilha tikseb minn sena għal oħra minn mindu twieldet sal-lum, kif nittamaw li tibqa' tikseb.*

*Il-Għaqda, bħal kull ħaġ'oħra li ġrat fil-ħajja ta' kull nazzjon, kellha t-tweghir tagħha, iżda sal-lum hija għarfet tegħilbu bil-perseveranza tal-ħsieb, għaqal u ħidma tagħha. L-iktar għadu li ħabat imewwet il-qlub tan-nies fl-armata tal-Għaqda hija l-Bruda u ma' din in-nuqqas tas-solidarjetà u tal-ko-operazzjoni. Jisgħobbina nistqarru li din ħabtet taħkem fuq dawk ilmembri wkoll li minnhom il-Għaqda stenniet l-akbar għajnuna sew materjali kemm spiritwali. Niftakru li mingħajr il-kooperazzjoni materjali u morali tal-membri tagħha, il-Għaqda ma tistax timxi 'l quddiem, mhux talli dan, iżda jkun hemm ilperiklu li ħin bla waqt tisfa' fix-xejn. Is-sagrifiċċju li l-Għaqda titlob mill-membri u mseħbin tagħha hija ħaġa wisq żgħira fejn is-sagrifiċċji li jsiru sabiex isseħħ xi impriża oħra ta' interessi oħra li xi mindaqqiet huma ta' mogħdijiet taż-żmien jew ta' ħwejjeġ fiergħa.*

*Niftakru li l-interess tagħna għall-progress u seħħ tal-Malti huwa kollettiv u ma hu marbut ma' ebda interess personali. Membru jew imsieħeb ma għandux iqis li jikkoltiva l-Malti u jinqeda bil-Għaqda għall-influwenza li din jista' jkollha fit-tiljib ta' remunerazzjonijiet fil-qari minn fuq ir-Rediffusion jew minn pubblikazzjonijiet. Il-Għaqda kienet minn ta' l-ewwel biex taqbeż għad-drittijiet ta' l-Awturi u ġabret f'darha s-soċje-*

*tajiet kollha ta' Awturi biex dawn id-drittjiet jitwettqu mill-awtoritajiet tar-Rediffusion u mill-Edituri ta' l-Istampa. Iżda mill-banda l-oħra kull kittieb li jagħmel sehem mill-Għaqda, bħala membru jew imsieħeb, ma għandux jinsa d-dmirijiet tiegħu bħala membru jew imsieħeb fl-organu tal-Għaqda.*

*M'ilu xejn saret sejħa qawwija biex dawk il-membri u msieħbin f'"IL-MALTI" li bagħtu lura fil-ħlasijiet ta' l-abbonament jew ta' l-assoċjazzjoni fil-Għaqda, jagħmlu dmirhom u ma jibqgħux lura fir-rati tal-ħlasijiet, għax l-Għaqda ma għandhiex riżorsi li bihom tista' toħroġ ir-rivista tagħha u tagħmel laqgħat letterarji li jitolbu ħafna spejjeż, l-iktar meta tqis l-għoli tal-karta u ta' l-istampa tal-lum. Iżda jisgħobbina ngħidu illi għal din is-sejħa t-tweġiba kienet ta' waħdiet. Il-bruda, bħalma għidt qabel, hija l-akbar għadu tal-ħajja tal-Għaqda, bħalma l-bruda għal-libertajiet u indipendenza ta' pajjiżi hija l-akbar għadu għall-ħajja ta' libertajiet kostituzzjonali ta' l-istess pajjiż — ħaġa li tħalli l-bieb miftuħ għall-assolutiżmu dittatorjali ta' potenza oħra. Għalhekk inqumu, u nuru ruħna li għadna l-qaddejja qalbiena u fdili tal-Għaqda li tgħaqqadna bħal aħwa għall-koltivazzjoni tal-patrimonju għażiż ta' Lsienna, sabiex mas-sena l-ġdida nibdew ħajja ġdida ta' rieda tajba, ħrara, ħidma u ġenerożità. L-imgħoddi għadda b'rebħiet sbieħ li s'issa għamilna, iżda dawn kollha jintilfu u l-ħidma tal-Għaqda ta' 'l fuq minn tletin sena tisfa' fix-xejn jekk aħna nibqgħu biss ingawdu l-beneficċji materjali li ħalliet lil xi wħud fl-istat professjonali jew grad letterarju tagħhom u dawk il-beneficċji l-oħra fl-edukazzjoni tal-pajjiż, u nħalluha fl-aqwa ta' l-irġulija tagħha mingħajr l-għajnuna u solidarjetà tagħna b'mod li ftit ftit tibqa' tnin sakemm tmut.*

*L-imgħoddi għadda u mar u minnu baqa' tagħna l-frott li ksibna, b'riħet il-pijonjeri ta' qabilna u segwaċi tal-lum, imma l-futur ikun tagħna biss jekk aħna nibqgħu naħdmu b'rieda tajba. Iż-żmien tal-lum huwa tagħna u minnu jiddependi l-futur sabiħ jew ikraħ tal-Għaqda. Ma nħallux li l-bruda tegħlibna. Niftakru li kienet dejjem il-bruda u l-apatija li qatlet bosta mis-soċjetajiet akkademiċi li kellna f'Malta minn xi mitt sena 'l hawn. Ikun għajb kbir għalina jekk il-Għaqda jiġrilha l-istess destin tas-soċjetajiet ta' qabilha wara żmien hekk sabiħ li s'issa għadda minn fuqha.*